## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
**Spettur Simon Galea**
**V**

**LESLIE FENECH**

**Illum, 9 ta' Mejju, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LESLIE FENECH** ta’ wiehed u ghoxrin sena bin Saviour u Molly nee Smith, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1978 u joqghod 56, Triq Preziosi, Lija, detentur tal-karta tal-identita numru 586478M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Mejju, 2000 f'Hal Lija precizament fil-fond numru 56, Triq Preziosi, Hal Lija, xjentement ikkommetta serq ta' hamsin lira Irlandiza ekwivalenti ghal madwar hamsa w ghoxrin lira maltin u ta' pocket carmera tal-marka Minolta li tiswa madwar tletin lira maltin ghad-dannu ta' terzi, liema serq huwa aggravat bil-persuna.

Il-Qorti giet miltuba sabiex tittratta mal-imputat bhala recidiv peress li gie kkundannat ghar-reati kriminali b'diversi sentenzi li huma kollha definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2000 esibit fl-atti a fol 11 u markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-ezami li sar lill-imputat nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 li jinsab a fol 16 tal-atti odjerni, huwa wiegeb li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda sabiex issostni l-akkuza taghha u cioe li l-imputat seraq il-hamsin lira Irlandizi u l-pocket camera tar-ritratti.

**Martina Worral xehdet** nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 fejn spjegat li waqt li kienet fid-dar residenza tal-imputat, f'xi hin telghet fuq il-bejt biex tara l-veduta mal-habiba taghha Theresa u ftit wara rat wkoll li kien hemm r-ragel ta' Theresa waqt li omm l-imputat Molly baqghet fil-kcina u l-imputat baqa fis-salott fejn ilkoll kienu originarjament.

Hija spjiegat li hi u Theresa hallew il-basket taghhom fis-salott. Wara xi ftit tal-hin nizlet biex tigbor il-camera tar-ritratti mill-basket taghha biex tigbed xi ritratti u ma sabithix ghalkemm kienet certa li kienet halliltha hemmhekk.

Fil-frattemp l-imputat Leslie Fenech kien telaq. Huma kielu u marru f'xi club. Waqt li kienet hemmhekk Theresa marret thallas u nnotat li ma kellix flus fil-portmoni apparti karta ta' zewg liri, meta

kienet taf li kellha tnax il-lira. Sabet nieqes wkoll pocket bil-credit cards u karta ta' hamsin lira Irlandiza. Illi hija stqarret li kienet certa li halliet il-camera fil-basket aktar u aktar meta vverifikat li ma kienetx hallitha d-dar.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu esibti fl-atti markati bhala dokument CSH 3 esibita a fol 13 tal-atti u ohra mmarkata bhala dokument DT esibita a fol hamsa w ghoxrin tal-atti u minn esami tal-istess jirrizulta li l-imputat ammetta li seraq karta ta' hamsin lira Irlanzia u tnax il-lira maltin miz-zewg basktijiet tal-mistedinin ta' ommu.

**Theresa u Kenneth konjugi Nolan nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 ikkonfermaw** dak li qalet Martina Worral u ziedu li huma kienu sabu nieqes mill-basket ta' Theresa tnax il-lira maltin.

Illi l-Qorti mhux konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li seraq il-camera tar-ritratti ta' Martina Worral stante li fi-fehma taghha l-istess Martina Worral kienet incerta jekk haditx il-camera maghha ghand omm l-imputat. Il-fatti li ma kienetx d-dar taghha ma jfissirx li seraqha l-imputat ghaliex din setghet insitha x'imkien.

Ghalhekk il-Qorti ma hiex qed ssib lil imputat hati ta' din l-akkuza ta' serq ta' photographic camera.

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lil imputat Leslie Fenech hati fuq ammissjoni tieghu stess fiz-zewg stqarrijiet li rrilaxxja u cioe dik ta' serq aggravat bil-persuna ai termini tal-artikolu 268(b) ghaliex sar fuq mistednin fid-dar fejn kienu milqughin bhala mistednin.  Illi ghalkemm jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu jinstab hati tal-aggravju tal-lok peress li s-serq sar f'dar residenzjali il-Prosekuzzjoni naqset li takkuza lil istess imputat b'dan r-reat u ghalhekk il-Qorti mhux qed ssibu hati tieghu.

Illi l-Qorti hasset l-htiega li tinnomina Probation Officer sabiex thejji pre sentencing inquiry report dwar l-imputat u dan gie ppresentat minn Mary Grace Vella nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April, 2001.

Illi minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu problema akuta ta' droga u diga nghata l-fakulta li jaghmel zewg programmi ghal disintossifikazzjoni u rihabilitazzjoni kemm f'Dar l-

Impenn kif wkoll fir-residenza Santa Marija.  Illi l-imputat huwa bniedem distakkat mill-hajja u b'hekk xejn ma hu socjevoli.

Il-Qorti rat wkoll n-nota tal-Probation Officer presentata fl-atti nhar t-tlieta ta' Ottubru, 2001 li tinsab esibita a fol 87 tal-atti odjerni u minn ezami akkurat taghha jidher li l-imputat ghad ghandu l-problema ta' droga u li l-urine sample li qed jaghti lis-Substance Misuse Treatment Unit fi G'Mangia, qed jaghti rizultat kemm posittiv u negattiv ghal presenza ta' droga.  Illi huwa ma zammx l-appuntamenti li kellu mal-Probation Officer u ghalhekk f'diversi okkazzjonijiet ma ssottomettix l-urine sample kif rikjest.

Il-Qorti rat wkoll d-dokument imhejji mill-agenzjia Sedqa fejn gie indikat li l-imputat ma hux motivat biex jaghmel l-programm li gie offrut lilu mill-istess agenzija.

Rat wkoll n-nota imhejjija minn Doctor Moses Camilleri esibita fl-atti a fol 99 u jidher li l-imputat ma hux qed jikkopera mieghu ghalkemm ghandu problemi multiplici ta' psikologija.

Il-Prosekuzzjoni ppresentat diversi sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat kif jirrizulta mid-dokumenti CSH, CSH 1 u CSH 2 a fol 37 et seq tal-atti.

Il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq xhieda biex jikkonfermaw s-sentenzi esibiti fil-konfront tal-identita tal-imputat, ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinsab hati talli huwa recidiv.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 7 tal-atti odjerni minn fejn jirrizulta li min mindu l-istess imputat kellu sittax il-sena hu kien diga nstab hati ta' diversi reati u dan b'diversi sentenzi. Huwa nghata diversi cansijiet minn dawn il-Qrati ghaliex inghata probation orders, gie kkundannat jhallas multi u sahansitra anke intbaghat il-habs fuq akkuzi ta' serq ghal perjodu ta' sentejn izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx jisufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu u ma tghalliimx mill izbalji li kien ghamel.

Il-Qorti ma taqbilx li ghandha tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghaliex l-imputat mhux qed jikkopera .

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat LESLIE FENECH hati tal-akkuza ta' serq b'eccezzjoni ghal camera tar-ritratti u tal-akkuza ta' recidiva u tikkundannah ghal piena karcerja ta' ghaxar xhur mill-lum u b'dan li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ghandu jitnaqqas mill-piena inflitta fuqu llum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**